MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 585/2010

**Rosario maghruf bhala Louis Mallia,**
**Rita Sant, Pauline Bonnici, Joseph Mallia**

**vs**

**John Mallia, Carmela Rosaria sive Carrie Mallia,**
**Mariella Deguara Bonnici, Dr. Jean Deguara,**
**Dr. Maria Deguara, Emanuel Mallia, George Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-10 ta’ Gunju 2010 li jghid hekk:

1. Illi l-partijiet kollha, minbarra Jean Deguara u Mariella Deguara Bonnici, huma t-tfal ta’ Carmela Ursula Mallia waqt li Jean Deguara u Mariella Deguara Bonnici huma t-tfal ta’ Catherine Mallia li mietet qabel ommha Carmela Ursula Mallia;

2. Illi b'igriet tal-14 ta' April, 2009 il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) interditiet lill-imsemmija Carmela Ursula Mallia u nnominat lill-Avv. Nicholas Valenzia kuratur tal-istess Carmela Ursula Mallia (Dok. A);

3. Illi l-istess Carmela Ursula Mallia mietet nhar l-24 ta' Frar, 2010 (Dok. B);

4. Illi meta l-esponenti ghamlu r-ricerki testamentari taghhom irrizultalhom li l-ahhar testment tal-istess Carmela Ursula Mallia sar fit-22 ta' April, 2009 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela (Dok. C), jigifieri fil-perjodu li fih l-istess Carmela Ursula Mallia kienet interdetta bil-Qorti bi ksur tal-artikolu 597(c) tal-Kodici Civili nostran;

5. Illi l-istess Carmela Ursula Mallia f'dak il-perjodu kienet tbati minn problemi ta' *paranoid delusions* u *severe cognitive impairment* kif se jigi pprovat f'dina l-kawza;

Ghaldaqstant ighidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja d-dikjarazzjonijiet opportuni, tiddikjara li t-testment tal-imsemmija Carmela Ursula Mallia tat-22 ta' April, 2009 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela huwa null u bla effett;

Rat li l-konvenuti ghalkemm notifikati w inghataw zmien mill-Qorti biex jipprezentaw l-eccezzjonijiet u dan kif jidher mill-verbal tal-Qorti tal-1 ta' Novembru 2010, baqghu ma rrispondewx ghat-talbiet attrici;

Rat ix-xhieda kollha, l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-2 ta' Mejju 2011;

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza pjuttost semplici li tinvolvi impunjazzjoni ta' testment maghmul minn Carmela Ursula Mallia fit-22 ta' April 2009 in Atti Nutar Anthony Abela meta hi kienet giet

interdetta b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' April 2009 u gie nominat l-Avukat Nicholas Valenzia, kuratur ghaliha. Carmela Ursula Mallia mietet fl-24 ta' Frar 2010 ta' 93 sena. Il-partijiet huma kollha wliedha hlief il-konvenuti Jean Deguara u Mariella Deguara Bonnici wlied il-mejta Catherine Mallia, oht il-kontendenti u bint premorienti tal-istess Carmela Ursula Mallia.

L-atti prezentati juru d-digriet ta' interdizzjoni (a fol. 6 tal-process), ic-certifikat tal-mewt ta' Carmela Ursula Mallia (a fol. 7 tal-process) u t-testment ta' Carmela Ursula Mallia (a fol. 8 *et seq*) tal-process. Dan it-testment jinkludi pero certifikat psikjatriku li jiccertifika illi l-istess Carmela Ursula Mallia kienet kapaci tezercita d-drittijiet civili taghha f'dak il-mument. Dan ic-certifikat gie ffirmat mill-psikjatra Dr. David Cassar u jgib id-data tat-testment cioe 22 ta' April 2009.

Bhala provi wahda mill-atturi ghamlet affidavit fejn qalet illi ommha kienet ilha tbati mid-dementia mill-2008 li saret akuta lejn l-ahhar ta' dik is-sena u lanqas baqghet taghrafha. Hi siefret ma' zewgha f'Gunju 2009 u meta giet lura ohtha Rosaria infurmatha li kien gie nominat kuratur ghal ommha. Saret taf bit-testment wara l-mewt ta' ommha.

**Konsiderazzjonijiet**

L-artikolu 525 tal-Kapitolu 12 ighid testwalment "L-interdizzjoni, kif ukoll l-inabilitazzjoni, tibda ssehh minn dak in-nhar tad-digriet; u l-atti maghmulin mill-interdett jew mill-inabilitat, wara d-digriet, jew, ukoll, wara l-hatra ta' kuratur temporanju, huma nulli".

Hu minnu ili l-Qorti ai termini tal-artikolu 527(1) tordna li jigi mahrug avviz fil-Gazzetta tal-Gvern li jkun fih il-kundizzjonijiet tal-interdizzjoni jew inabilitazzjoni u li jigu mgharfa permezz ta' ittra registrata n-nutara pubblici kollha ta' Malta, u hekk gara f'dan il-kaz, pero anki jekk ghal grazzja tal-argument jista' jigi dedott illi n-nutara ma kienux ghadhom notifikati bid-digriet tal-Qorti dwar l-interdizzjoni billi kien hemm trapass zghir ta' zmien bejn

id-data tal-interdizzjoni u t-testment dan ma jirrendix it-testment validu.

Il-ligi hi tassativa f'dan il-kaz ta' inkapacita legali u tipprovdi ghal nulita assoluta mhux relattiva. Minn dakinhar tad-digriet 'l quddiem l-atti li jaghmel l-interdett huma nulli. Hekk sehh f'dan il-kaz. Il-fatt li hemm rapport psikjatriku anness mat-testment ma jnehhix l-istat ufficjali ta' interdizzjoni u konsegwenti nullita tal-atti maghmula mill-interdett. Inoltre kif qalet il-Qorti fil-kawza Benedict Hadrian Dingli noe vs Joseph Mifsud Bonnici, PA 21.05.1953 "L-effetti tal-interdizzjoni jibdew mill-gurnata tad-digriet li jordna l-interdizzjoni anki ghat-terzi indipendentement mix-xjenza jew injoranza taghhom".

Stat ta' interdizzjoni ufficjali titnehha biss b'digriet iehor tal-Qorti fejn jigi muri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li r-raguni ghall-ordni ta' interdizzjoni ma ghadhiex tezisti, u ghalhekk jigi revokat id-digriet originali ta' interdizzjoni (ara Arturo Perini vs Dottor Vincenzo Gatt, App. Sup. 11.06.1948).

Ma hemmx izjed x'jinghad f'din il-kawza. Hu car illi t-testment maghmul min Carmela Ursula Mallia fit-22 ta' April 2009 sar meta l-istess Carmela Ursula Mallia kienet taht interdizzjoni b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' April 2009. Kwindi dak it-testment hu null.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi bili tilqa' t-talba attrici u tiddikjara t-testment maghmul minn Carmela Ursula Mallia fit-22 ta' April 2009 fl-Atti tan-Nutar Anthony Abela bhala null u bla effett. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------